



Brussell, 13 ta' Mejju 2025  
(OR. en)

8228/25

LIMITE

CORLX 383  
CFSP/PESC 584  
COEST 305

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabilizzanti tar-Russja

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/...**

**ta' ...**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643  
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabilizzanti tar-Russja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-8 ta' Ottubru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643<sup>1</sup>.
- (2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643, il-Kunsill iqis li l-informazzjoni ta' identifikazzjoni u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet fl-entrata għal persuna fiżika waħda fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 jenħtieġ li jiġu emendati.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2643 tat-8 ta' Ottubru 2024 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja (ĠU L, 2024/2643, 9.10.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2643/oj>).

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

**ANNES**

Fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643, taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi", l-entrata li ġejja hija sostitwita:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elenkar
"14.	Anatolii PRIZENKO	Negozjant Data tat-twelid: 26.11.1974 Post tat-twelid: Moldovan SSR (issa Republic of Moldova) Nazzjonalità: Moldovana Sess: raġel	Anatolii Prizenko huwa negozjant fir-Repubblika tal-Moldova. Lejn l-aħħar ta' Ottubru 2023, huwa kkoordinat t-trasport ta' diversi ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova lejn Franza, fejn pitru l-Istilla ta' David fit-toroq bi skambju għal kumpens finanzjarju. Dik l-operazzjoni ġiet irrappurtata b'mod wiesa' mill-media u kellha effett destabilizzanti sinifikanti fil-kuntest tal-kunflitt bejn Iżrael u l-Hamas wara l-attakk tas-7 ta' Ottubru 2023. Immaġnijiet ta' dik l-operazzjoni l-ewwel infirxu min-network tal-media Recent Reliable News, li huwa assoċjat mal-Gvern tal-Federazzjoni Russa u użat minn atturi Russi biex iwettqu kampanji ta' diżinformazzjoni.	16.12.2024".

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Anatolii Prizenko pubblikament ħa r-responsabbiltà għar-rwol tiegħu ta' organizzatur ta' dik l-operazzjoni. Skont rapporti tal-media, dik l-operazzjoni destabbilizzanti twettqet għall-benefiċċju tas-servizz tal-intelligence militari Russu, il-GRU, u kellha l-għan li żżid it-tensjonijiet fis-soċjetà Franċiża.</p> <p>Għalhekk, Anatolii Prizenko huwa responsabbli għal, jimplimenta, jappoġġa jew jibbenefika minn azzjonijiet jew politiki tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu l-istabbiltà fi Stat Membru u, għalhekk, fl-Unjoni billi jippjana, jidderieġi, jew jinvolvi ruħu, direttament jew indirettament fl-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza kkoordinati.</p>	